**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 4 ta' Gunju 2002**

**Pulizija**
**Spettur Geoffrey Azzopardi**
**Spettur Simon Galea**
**Spettur Neville Xuereb**

**Vs**

**Riad Mabruk El Masri Hagi**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Riad Mabruk El Masri Hagi, ta' 24 sena, iben Mabruk u Senia Mohamed, imwieled Tripoli fis-26 ta' April 1978 u joqghod Picadilly Circle, Flat 4, Triq il-Kavetta, Bugibba, numru tal-Passaport 487627;

Talli fit-28 ta' Mejju 2002, ghall-habta tas-7.30 pm fin-Naxxar, flimkien ma' persuni ohra ikkommetta serq ta' kollana tal-perli ghad-detriment ta' Sebastian Mifsud, min Naxxar, liema serq huwa kkwalifikat fil-mezz, lok u vjolenza numerika;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, dolozament bil-hsieb li jikkommetti reat u cioe' dak ta' serq, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma' sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu, liema delitt ta' serq li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, valur, lok u vjolenza numerika;

U wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' bieb ta' l-aluminium, liema hsara tiskorri l-Lm10 izda inqas minn Lm50 ghad-dannu ta' Sebastian Mifsud min-Naxxar;

U aktar akkuzat talli fit-18 ta' Mejju 2002, ghall-habta tad-9.00am, fil-Birgu, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, u cioe' portmoni kontenenti madwar Lm250 kif ukoll xi dokumenti, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

Ukoll talli fit-22 ta' Mejju 2002 ghall-habta tas-7.30pm, fil-Mosta ta' taghrif jew partikolaritajiet foloz lil min kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijiet u cioe' lil PS 1096 Edmond Cuschieri;

U fl-ahhar nett talli kkommetta dawn ir-reati waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, fis-27 ta' Awissu 2001;